**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**
**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Busuttil)**
**(Spettur Dorianne Tabone)**

**vs**

**Owen Gili**

**Kumpilazzjoni Numru: 643/22**

**Illum, erbgha u ghoxrin (24) ta' April, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Owen Gili detentur tal-karta tal-identità bin-numru 81699M

1. Akkuzat talli fit-3 ta' Novembru 2022 u fil gimghat, xhur u snin ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer ghamel jew ipproduca jew ippermetta li jigi maghmul jew prodott xi materjal indecenti jew ipproduca, qassam, xerred, importa, esporta, offra, biegh, issupplixxa, ittrasmetta, ghamel disponibbli, akkwista ghalih

innifsu jew ghal haddiehor, jew wera dak il-materjal indecenti ta' persuni ta' taht l-eta.
Art 208A ta' Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

2. Aktar talli fl-istess data, lok hin u cirkustanzi gewwa dawn il-Gzejjer akkwista, xjentement akkwista access permezz ta' teknologiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni ghal, jew kellu fil-pussess tieghu, xi materjal indicenti li juri, jaghti stampa ta' jew jirraprezenta xi persuna ta' taht l-età.
Art 208A(1B) ta' Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat li l-imputat ammetta l-akkuzi kif dedotti kontrih fi stadju bikri anke wara li nghata zmien opportun sabiex jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Ikkunsidrat;

Rat l-Artikoli indikati 208A u 208A(1B) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u stante ammissjoni bikrija u stante li fiz-zmien meta sar ir-reat l-imputat kien ghadu minorenni u stante li t-tieni (2) akkuza hija assorbita fl-ewwel (1) akkuza, il-Qorti qed issib lill-imputat Owen Gili hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta

tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor ghal zmien tliet (3) snin mil-lum.

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**